MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2014

Numru. 525/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Wayne Buttigieg**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Wayne Buttigieg ta’ 32 sena, bin Joseph u Mary nee` Zammit, imwieled Pieta` fil-25 ta’ Settembru 1979, residenti ‘Seashell’, Flat 3, Triq Dun Frangisk Sciberras, Mellieha u/jew Comfort Crt, Blk A, Flat 3, Triq il-Marfa, Mellieha, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 485279(M);

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fit-30 ta’ Marzu 2013 u matul is-seba’ xhur ta’ qabel din id-data:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta, li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta, li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga

> u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat bhala wiehed li kiser kundizzjoni mposta fuqu b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Mag. Dr. M. Hayman LL.D., nhar is-6 ta’ Mejju 2010.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-3 ta’ Frar 2014, l-imputat irregistra ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba u jerga’ lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat u tal-provi mressqa, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjonijiet kollha kif migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi l-ammissjoni tal-imputat f'dawn il-proceduri kienet wahda bikrija u illi minkejja illi l-Prosekuzzjoni ma ddikjaratx illi l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa kkopera bis-shih mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha u anke indika t-terza persuna li minghandha kien jixtri d-droga, b'dan illi minhabba c-cirkostanzi deskritti mill-Ufficjal Prosekutur fix-xhieda tieghu[1], liema cirkostanzi ma jidhirx li kienu imputabbli lill-imputat, ma kienx possibbli ghall-pulizija li tasal ghall-arrest tal-istess terza persuna.

Issa l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"*Meta dwar persuna misjuba hatja ta' reat kontra din l-Ordinanza, l-prosekuzzjoni tiddikjara fil-process li dik il-persuna tkun ghenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-medicina, jew il-persuna misjuba hatja kif intqal qabel tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun hekk ghenet lill-Pulizija, il-piena titnaqqas, dwar prigunerija, bi grad wiehed jew tnejn, u dwar piena pekunjarja, b'terz jew b'nofs*".

Kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-2 ta' Awwissu 2009, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sandro Mifsud**, "*biex persuna tibbenefika mir-riduzzjoni ta' grad jew tnejn fil-piena ta' prigunerija (u riduzzjoni ta' terz jew nofs fil-piena pekunjarja) skond l-imsemmi Artikolu 29 mhux bizzejjed li dak li jkun isemmi l-persuna minn ghand min ikun xtara d-droga; irid jirrizulta li b'dik l-informazzjoni l-akkuzat ikun effettivament ghen lill-pulizija sabiex taqbad lil dik il-persuna. Jekk minkejja dik l-informazzjoni l-pulizija ma jkollhiex provi bizzejjed biex tressaq lill-persuna indikata l-qorti, jew jekk dik il-persuna*

[1] A fol. 6 *et seq* tal-process.

*indikata tkun diga` inqabdet mill-pulizija qabel ma tissemma mill-akkuzat, ma jkunx jista' jinghad li l-akkuzat ikun ghen lill-pulizija sabiex taqbad lil dik il-persuna … ".*

Issa f'dan il-kaz jidher illi minkejja illi l-imputat provda informazzjoni dwar il-fornitur tieghu, il-pulizija ma kellhiex bizzejjed provi sabiex tressaq lill-persuna hekk indikata u ghaldaqstant ma jistax jinghad illi l-imputat effettivament ghen lill-pulizija sabiex taqbad lil dik il-persuna. Biss kif inghad, ghalkemm il-Qorti m'hijiex ser tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101, xorta wahda ghal fini ta' piena, qeghda tiehu kont tal-kooperazzjoni shiha li wera l-imputat matul l-investigazzjoni tal-pulizija.

Ikkunsidrat ukoll illi mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fit-30 ta' Marzu 2013[2], jirrizulta illi huwa stqarr li kien jabbuza mid-droga kokaina u li kien ilu jaghmel dan ghal seba' snin[3] u li generalment, kien jiehu zewg grammi kokaina fil-gimgha. L-imputat stqarr ukoll hekk kif gie mwaqqaf mill-pulizija, huwa kien sejjer jiltaqa' ma' habib tieghu sabiex jaghtih il-qartas kokaina li nstab fil-vettura tieghu u li tieghu kien ser izommlu €50. Qal illi huwa kien jixtri hames grammi kull tlett gimghat bil-prezz ta' €500, li kien ilu jbiegh il-kokaina xi sentejn, izda ghamel zmien waqaf, ghaliex kien inqabad u kellu kaz pendenti u li kien rega' beda jbiegh xi sitt xhur qabel. Qal li kien ibiegh zewgt iqratas ta' nofs gramma l-wiehed fil-gimgha – ossia gramma fil-gimgha – bil-prezz ta' €50 il-qartas. Qal ukoll illi parti kbira mill-kokaina li nstabet fil-pussess tieghu kienet ghall-uzu tieghu u li l-bqija kien ser ibieghha.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-*Pre-Sentencing Report* redatt mill-Ufficjal tal-*Probation*, Sharlet Fabri[4]. Jidher kemm mill-istqarrija tal-imputat, kif ukoll mill-istess rapport illi l-imputat kien ibiegh il-kokaina sabiex isostni l-vizzju tieghu u minn meta nqabad fil-kaz odjern, huwa rega' waqaf jabbuza mid-droga.

[2] A fol. 11 *et seq* tal-process.
[3] Matul il-kumpilazzjoni tal-*Pre-Sentencing Report*, huwa jghid illi kien ilu jabbuza mill-kokaina ghal tlettax-il sena.
[4] A fol. 31 *et seq* tal-process.

Jirrizulta wkoll illi kampjun tal-urina li ttiehed lill-imputat fit-18 ta' Marzu 2014 irrizulta negattiv ghal sustanzi lleciti. Skond l-istess rapport, jidher ukoll illi l-imputat illum ghandu hajja stabbli u ghandu wkoll impjieg fiss. In oltre huwa wera koperazzjoni shiha matul il-kumpilazzjoni tar-rapport u segwa d-direttivi kollha moghtija lilu. L-istess Ufficjal tal-*Probation* irrakkomandat illi fil-waqt li l-imputat jinghata piena ta' prigunerija effettiva, huwa ghandu jinghata wkoll l-ghajnuna kollha necessarja billi jsegwi programm ta' riabilitazzjoni mid-droga waqt li jkun qed jiskonta s-sentenza tieghu u dan sabiex huwa jkun f'posizzjoni ahjar li jibqa' hieles mill-vizzju tad-droga, la darba huwa jigi rilaxxjat.

Il-Qorti qieset ukoll il-fedina penali aggornata tal-imputat. Ikkunsidrat ukoll illi huwa kiser kundizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali permezz tas-sentenza taghha tas-6 ta' Mejju 2010, fejn huwa gie liberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin mid-data tal-istess sentenza. Madankollu, stante illi jidher li l-imputat miexi fit-triq it-tajba, il-Qorti m'hijiex ser titratta mieghu dwar ir-reat li tieghu nstab hati permezz ta' dik is-sentenza.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet u dan stante illi r-reat ikkontemplat fit-tieni imputazzjoni serva bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi mwettaq ir-reat fl-ewwel imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 u l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghal piena ta' **ghaxar (10) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' disa' mija u hamsin Euro**

**(€950)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ mitt Euro (€100), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena li qeghda tigi b’din is-sentenza erogata. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35) jew parti minnhom dovuta.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija, il-Qorti m’hijiex qeghda titratta mal-hati dwar il-ksur tal-kundizzjoni imposta fuqu permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-6 ta’ Mejju 2010.

Stante illi ma gewx mahtura esperti f’dawn il-proceduri, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti tigbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs illi huwa ferm importanti illi l-hati jinghata l-kura u l-ghajnuna kollha necessarja sabiex ikun jista’ jibqa’ hieles mid-droga u li kemm il-darba dan ikun possibbli, huwa jinghata l-opportunita` illi jsegwi programm ghar-rijabilitazzjoni tieghu mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, Dokument JF, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna r-rilaxx tal-*mobile phone* esebit fl-atti bhala Dokument JF 2 favur il-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------